**MT**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 18.12.2009
KUMM(2009)679 finali

2009/0180 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar l-iffirmar ta' ftehim volontarju dwar sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kongo għall-Infurzar u Governanza tal-Liġi tal-Foresti u l-kummerċ tal-injam u l-prodotti magħmulin minnu fl-Unjoni Ewropea (FLEGT)**

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-pjan ta' Azzjoni għall-Infurzar u Governanza tal-Liġi tal-Foresti u l-Kummerċ (FLEGT)[1], li ġie approvat mill-Kunsill fl-2003[2], jipproponi sett ta' miżuri li jinkludu sostenn għall-pajjiżi li jipproduċu l-injam, kollaborazzjoni multilaterali biex jiġi indirizzat il-kummerċ illegali tal-injam, sostenn għall-inizjattivi tas-settur privat kif ukoll miżuri biex jostakolaw l-investiment f'attivitajiet li jħeġġu l-qtugħ illegali tas-siġar. Is-sinsla tal-Pjan ta' Azzjoni hija l-istabbiliment tal-isħubiji FLEGT bejn l-Unjoni u l-pajjiżi li jipproduċu l-injam, immirati biex iwaqqfu l-qtugħ illegali tas-siġar Fl-2005 l-Kunsill adotta Regolament (KE) Nru 2173/2005[3] li jistabbilixxi skema ta' liċensjar u mekkaniżmu li jivverifika l-legaliltà tal-importazzjonijiet tal-injam fl-Unjoni.

F'Diċembru tal-2005 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja ftehimiet dwar sħubija mal-pajjiżi li jipproduċu l-injam sabiex jiġi implimentat il-Pjan ta' Azzjoni għall-Infurzar tal-Liġi fil-Foresti, il-Governanza u l-Kummerċ (FLEGT), u b'mod partikolari biex jitħeġġeġ il-kummerċ fl-importazzjonijiet legali tal-injam fl-Unjoni, minn tali sħab[4] Il-ftehim mal-Kongo huwa t-tieni ftehim ta' dan it-tip li ġie nnegozjat bejn pajjiż produttur u l-Unjoni, wara l-ftehim li sar mal-Ghana.

Il-Kummissjoni bdiet dawn in-negozjati mal-Kongo f'Ġunju tal-2008 In-negozjati saru matul għaxar (10) xhur u involvew erba' sessjonijiet wiċċ imb wiċċ u 14-il laqgħa ta' ħidma teknika permezz ta' konferenza bil-vidjo. Tul in-negozjati l-Kummissjoni ġiet assistita f'din il-ħidma minn għadd ta' Stati Membri. Il-Kummissjoni żammet lill-Kunsill aġġornat dwar il-progress li sar permezz ta' rapporti regolari lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Foresti, lill-Kapijiet tal-Missjoni tal-UE u lir-rappreżentanti tal-Kongo. Wara kull sessjoni ta' negozjati l-partijiet ħadu sehem f'laqgħat pubbliċi biex iżommu l-partijiet interessati infurmati bil-progress. Barra minn hekk, il-Kongo adotta approċċ parteċipatorju billi involva s-soċjetà ċivili u s-settur privat fl-abbozzar tal-ftehim.

Il-ftehim jindirizza l-elementi kollha tad-direttivi tal-Kunsill dwar in-negozjati. B'mod partikolari, il-ftehim jistabbilixxi l-qafas, l-istituzzjonijiet u s-sistemi tal-iskema għall-għoti ta' liċenzji tal-FLEGT. Huwa jistipula l-kontolli fuq il-kumpaniji ta' forniment, il-qafas tal-konformità legali u r-rekwiżiti tal-verifika indipendenti tas-sistema. Dawn huma stipulati f'annessi għall-ftehim u jipprovdu deskrizzjoni ddettaljata tal-istrutturi li se jirfdu l-iżgurar tal-legalità li tista' tinkiseb bil-ħruġ ta' liċenzja FLEGT. Il-Kongo żviluppa l-leġiżlazzjoni applikabbli tiegħu permezz ta' konsultazzjoni estensiva mal-partijiet interessati. Din tinkludi l-liġijiet u r-regolamenti dwar l-għoti ta' drittijiet biex jinqatgħu is-siġar u r-reġistrazzjoni tal-impriżi, il-ġestjoni tal-foresti, il-leġiżlazzjoni ambjentali u tal-impjiegi, it-tassazzjoni, l-obbligi soċjali bħall-involviment tal-komunitajiet lokali, il-popolazzjoni indiġena u s-soċjetà ċivili, obbligi oħra li ġew stipulati fil-leġiżlazzjoni li tikkonċerna t-trasport u l-kummerċjalizzazzjoni tal-injam, u rekwiżiti dwar l-esportazzjoni.

Il-ftehim imur lil hinn mill-kopertura limitata tal-prodott proposta fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 2173/2005 dwar l-iskema FLEGT u jkopri l-prodotti tal-injam kollha li ġew esportati. Għalhekk, il-Kongo huwa impenjat li jistabbilixxi sistema li se tiżgura lill-

---

1 COM (2003) 251.
2 ĠU C 268, 7.11.2003.
3 ĠU L 347, 30.12.2005.
4 Dokument Ristrett tal-Kunsill nru 15102/05

Unjoni li l-prodotti kollha ġejjin mill-foresti tal-Kongo huma prodotti legalment u b'hekk tikkontribwixxi b'mod pożittiv u sostenibbli għat-tkattir tal-Kongo.

Il-ftehim jagħmel dispożizzjoni għall-kontrolli tal-importazzjoni fuq il-fruntieri tal-Unjoni kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 2173/2005 dwar l-iskema FLEGT u r-Regolament (KE) Nru 1024/2008 li jistipula miżuri ddettaljati għall-implimentazzjoni tiegħu. Il-ftehim jinkludi deskrizzjoni tal-liċenzja FLEGT tal-Kongo, li tuża l-format preskritt fir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Il-ftehim jistabbilixxi mekkaniżmu għal djalogu u kooperazzjoni mal-Unjoni fejn tidħol l-iskema FLEGT, il-Kumitat Konġunt għall-Impimentazzjoni tal-Ftehim. Jistabbilixxi wkoll prinċipji dwar il-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati, is-salvagwardji soċjali u t-trasparenza, kif ukoll il-monitoraġġ u r-rappurtaġġ dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim.

Il-ftehim jistipula skeda u l-proċeduri għad-dħul fis-seħħ tiegħu u l-implimentazzjoni tal-iskema għall-għoti ta' liċenzji. Peress li l-Kongo se jaġġorna u jfassal mill-ġdid is-sistema regolatorja u tal-ġestjoni tal-informazzjoni tiegħu, jintroduċi kontrolli aktar komprensivi fuq il-kumpaniji ta' formiment, u jistabbilixxi verifika indipendenti tal-konformità legali, se jkollu bżonn minn sentejn sa tliet snin biex jiżviluppa u jeżamina s-sistemi l-ġodda u biex jibni l-kapaċità fis-settur pubbliku , tass-soċjetà ċivili u dak privat, għall-ħidmiet previsti. L-iskema għall-għoti tal-liċenzji FLEGT mistennija li tkun operattiva bis-sħiħ sa nofs l-2011. L-iskema għall-għoti tal-liċenzji se tiġi evalwata kontra l-kriterji stipulati fil-ftehim qabel ma l-UE se tibda' taċċetta l-liċenzji FLEGT.

2009/0180 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TALKUNSILL

## dwar l-iffirmar tal-ftehim volontarju dwar sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kongo għall-Infurzar u Governanza tal-Liġi tal-Foresti u l-kummerċ tal-injam u l-prodotti magħmulin minnu fl-Unjoni Ewropea (FLEGT)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 207 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218, paragrafu 5,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) F'Mejju tal-2003 l-Kummissjoni Ewropea ppubblikat Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Infurzar u Governanza tal-Liġi tal-Foresti u l-Kummerċ (FLEGT)[5] li jirrikjedi miżuri biex jindirizzaw il-qtugħ illegali tas-siġar permezz tal-iżvilupp ta' ftehimiet volontarji dwar sħubija mal-pajjiżi li jipproduċu l-injam. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dan il-Pjan ta' Azzjoni ġew adottati f'Ottubru tal-2003[6]u l-Parlament għadda mozzjoni f'Jannar tal-2004[7].

(2) Fil-ħamsa ta' Diċembru tal-2005 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tibda negozjati dwar il-ftehimiet ta' sħubija biex ikun implimentat il-Pjan ta' Azzjoni għall-Infurzar u Governanza tal-Liġi tal-Foresti u l-Kummerċ (FLEGT).

(3) Fl-għoxrin ta' Diċembru 2005 il-Kunsill adotta Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 li jistabilixxi skema għall-għoti tal-liċenzji FLEGT fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-injam fl-UE minn pajjiżi li magħhom il-Komunità kkonkludiet ftehimiet volontarji dwar sħubija[8]

(4) In-negozjati mal-Kongo ġew konklużi, u l-ftehim volontarju ta' sħubija bejn il-Kongo u l-Komunità Ewropea għall-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ fl-injam u prodotti magħmulin minnu mal-Komunità (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") ġie inizjalat fid-disgħa ta' Mejju 2009.

---

5 COM (2003) 251

6 ĠU C 268, tas-7.11.2003

7 Document tal-Parlament 7014/04.

8 ĠU L 347, 30.12.2005.

(5) Il-ftehim għandu jiġi ffirmat min-negozjatur f'isem l-Unjoni Ewropea bla ħsara għal dan il-ftehim għal data aktar tard.

IDDEĊIDIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Kummissjoni hija awtorizzata li tiffirma, f'isem l-Unjoni Ewropea, il-Fthehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kongo għall-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ fl-injam u l-prodotti magħmulin minnu fl-Unjoni Ewropea, u taħtar il-persuna awtorizzata li tiffirma l-ftehim.

It-test tal-ftehim hu mehmuż ma' din id-decizjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni se tidhol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, […]

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
*[...]*